Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 128/18**
Il-Lussemburgu, 12 ta' Settembru 2018

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-601/17
Dirk Harms *et* vs Vueling Airlines SA

# Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-kumpannija tal-ajru għandha tirrimborsa wkoll il-kummissjonijiet imħallsa lill-intermedjarji meta nxtraw il-biljetti, sakemm kienet taf bihom

Dirk Harms xtara, għalih stess u għall-familja tiegħu, mis-sit internet opodo.de, biljetti għal titjira bejn Hamburg (il-Ġermanja) u Faro (il-Portugall) ma' Vueling Airlines. Peress li t-titjira ġiet ikkanċellata, il-familja Harms talbet lil Vueling Airlines tirrimborsaha l-prezz ta' EUR 1108.88 li hija kienet ħallset lil Opodo meta nxtraw dawn il-biljetti. Vueling Airlines aċċettat li tirrimborsa l-ammont li hija kienet irċeviet mingħand Opodo, jiġifieri EUR 1031.88. Għall-kuntrarju, hija rrifjutat li tirrimborsa wkoll id-differenza ta' EUR 77, li Opodo kienet irċeviet bħala kummissjoni.

L-Amtsgericht Hamburg (il-Qorti Distrettwali ta' Hamburg, il-Ġermanja), adita b'din it-tilwima, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta f'dan il-kuntest ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru [1].

L-Amtsgericht Hamburg xtaqet tkun taf **jekk il-prezz tal-biljett li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tar-rimbors dovut mit-trasportatur tal-ajru lil passiġġier fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira jinkludix id-differenza bejn l-ammont imħallas minn dan il-passiġġier u l-ammont irċevut minn dan it-trasportatur tal-ajru, li tikkorrispondi għal kummissjoni rċevuta minn persuna li tkun intervjeniet bħala intermedjarju bejn dawn it-tnejn tal-aħħar.**

**Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal din id-domanda fl-affermattiv, ħlief fil-każ li din il-kummissjoni tkun ġiet stabbilita mingħajr l-għarfien tat-trasportatur tal-ajru, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.**

Din l-interpretazzjoni tar-Regolament tikkorrispondi mal-għanijiet tiegħu, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri filwaqt li jiġi żgurat bilanċ bejn l-interessi tagħhom u dawk tat-trasportaturi tal-ajru.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

[1] Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

*Ritratti tal-qari tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" (+32) 2 2964106*